MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 221/2014

Appell Nru: 221/2014

Il-Pulizja

(Spettur Ian Joseph Abdilla)

Vs

Carmelo Mangion

Illum 15 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Carmelo Mangion, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 110160M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Ottubru 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' George Farrugia, Frances Farrugia, Heathcliff Farrugia, Dorianne Farrugia u Alison Farrugia, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew
minhaba depozitu necessarju.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-19 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294, 310 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li lill-imputat hati u ikkundannatu piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre tordna li ai termini ta l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-imputat sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum ihallas lura l-bilanc restanti ta' sebghin elf euro (euro 70,000) lill-familjari ta' Farrugia kif dovut lilhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, thassar is-sentenza appellata **u** miflok taqta u tiddecidedi il-kawza billi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah mill-istess akkuzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-imputat ihossu aggravat bid-decizjoni mehuda mill-Onorabbli Qorti fil-Prim Istanza, huwwa sokkombenti u qieghed jinterponi dan l-appell minnha. Illi l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti primarjament fil-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqqset milli tikkunsidra illi effettivament l-vertenza odjerna hija wahda strettament ta' natura civili koncernanti n-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' att ta' bejgh finali insegwitu ghall-iffirmar ta' zewg konvenji u ghalhekk l-imputat bl-ebda mod ma kiser xi disposizzjoni tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi in oltre l-aggravju tal-

esponenti jikkonsisti wkoll fil-fatt illi l-element tad-dolo u l-element ta' uzu specifikat, li huma indispensabbli ghall-kommissjoni tar-reat ta' approprazzjoni indebita ma jissussistux u ghalhekk l-imputat kellu jigi liberat mill-akkuzi migjbua fil-konfront tieghu.

Illi l-ewwel aggravju tal-esponenti jikkonsisti effettivament fil-fatt illi l-vertenza odjerna hija wahda ta' natura civili u mhxu wahda ta' natura kriminali. Illi anki meta wiehed ihares lejn il-fatti tal-kawza, ossia illi gew iffirmati zewg konvejni bejn il-partijiet li jinsabu fl-atti tan-Nutar Charles Mangion, liema konvenji gew debitament registrati mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u sussegwentement gew debitament imgedda skond kif titlob il-ligi, u ma gewx ippubblikati l-atti ta' bejgh finali meta kienet riesqa vicin l-iskadenza tal-istess konvenji mgeddin, johrog b'mod car u inekwivoku ill il-forum kompetenti sabiex tigi tratttata l-kawza odjerna m'hijiex Qorti ta' kompetenza kriminali imma l-Qrati Civili ordinarji.

Illi meta wiehed ihares lejn il-fatti tal-kawza johrog b'mod car u inekwivoku illi l-vertenza odjerna titratta dwar relazzjoni ta' xerrej/venditur u/jew kreditur/debitur u ghalhekk l-obbligi u/jew drittijiet naxxenti mill-istess konvenju huma regolati bil-ligi Civili u mhux dik Kriminali, b'konsegwenza illi l-parte civile kellhom jipprocedu fl-ambitu civili u mhux kriminali.

Illi effettivament Onroabbli Qorti fil-Prim Istanza ma setghetx, stante li l-kawza infethet fil-kamp kriminali, tissindika d-drittijiet u l-obbligi civili bejn il-partijiet naxxenti mill-konvenju in kwistjoni. Illi l-ewwel Onorabbli Qorit ma kienitx f'posizzjoni li tiehu konjizzjoni tal-Artikolu 1357 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ma kienitx f'posizzjoni illi tgharaf x'eccezzjonijiet setgha jressaq l-imputat stante illi l-kawza ma kienitx qeghdha tigi trattata fil-forum kompetenti.

Illi n-natura civili tal-kawza odjerna tohrog b'mod car u inekwivoku mix-xhieda moghtija mill-parte civile stesss, fejn wiehed facilment jista' jikkonstata illi effettivament il-pretensjoni tal-istess parte civile hija ghall ezekuzzjoni tal-konvenji in kwistjoni u/jew ghar-radd lura tal-flus imhallsa. Illi l-parte civile naqqsu milli jippreszentaw l-ittra ufficjali u l-kawza ai termini tal-artikolu 1357 et seq tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, u naqsu ukoll milli jiehdu passi ai termini tal-Ligi Civili.

Illi dan effettivament oltre l-fatt illi gia la darba n-natura tal-kawza kienet wahda civili, naxxenti minn konvenju, l-imputat effettivament ma inghatax l-opportunita illi jiddefendi d-drittijiet tieghu naxxenti mill-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante illi kull eccezzjoni li huwa setgha jaghti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ma tistax tinghata fil-forum kriminali.

Illi in oltre l-esponenti jhossu aggravat ukoll bil-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat illi l-flus in kwistjoni gew moghtija ghall-uzu specifiku, ossia sabiex jibni u jlesti l-appartamenti. Illi ma dana kollu dan ma jirrizultax mill-konvenji in kwistjoni, kif ikkonfermat ukoll min-nutar Charles Mangion u mill-parte civile, u ghalhekk ma jissusistux tali elementi mehtieg ghar-reat ta' approprjazzjoni.

Illi l-uzu specifiku ghall-oghti ta' depozitu fuq konvenju ma jirrizultax lanqas mill-ligi civili gia la darba d-depozitu moghti fuq konvenju huwa effettivament rizarciment lill-bejjiegh li qieghed, ghad-durata tal-konvenju, inehhi l-fond li ser ibiegh minn fuq is-suq u b'dan jaghmel rabta bejn il-partijiet li jkunu ser jidrhu fuq att ta' bejgh finali u fuq kollox huwa incentiv ghall-partijiet sabiex il-bejgh finali isehh. Illi bl-ebda mod ma jirrizulta mill-ligi illi l-bejjiegh ghandu jaghmel xi uzu specifikat mid-depozitu lilu moghti fuq konvenju u/jew li ghandu jonfoq tali flus f'xogholijiet maghmula fuq il-post in vendita.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess effettivament il-flus in kwistjoni intuzaw sabiex jithallas parti mid-dejn li kien hemm fuq l-art mal-bank li ntuza ghax-xiri tal-istess art u in parti sabiex jibdew ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni, tant illi meta sar il-konvenju in kwistjoni kien ghad hemm dar mibnija fuq l-istess fond filwaqt illi llum il-guranta, it-twaqqiegh u thaffir tal-art li sar, u ghalhekk anki wiehed kellu jikkonsidra illi kellu jsir uzu specifiku mid-depozitu imhallas, li m'huwiex il-kaz, tali depoziu xorta wahda intefaq sabiex tigi agevolata l-kostruzzjoni tal-progett.

Illi l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi effettivament qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi l-flus moghtiuja bhala depozitu kellhom jintuza ghall-uzu specifiku, u b'dan tali allegat uzu specifiku la johrog mill-ligi u wisq anqas ma johrog konvejni in kwistjoni u ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta kkunsidrat illi l-fus in kwistjoni inghataw lill-imputat ghall-skop specifiku ossia ghall-kostruzzjoni tal-blokk in kwistjoni, u dan ghaliex il-flus inghataw bhala depozitu akkont ta' prezz fuq konvenju, liema depozitu ma jgib l-ebeda obbligu ta' uzu specifiku.

Illi in oltre l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi l-element tad-dolo, li huwa indispensabbli ghar-reat ta' approprazzjoni indebita huwa nieqes u ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kotnra l-imputat ma jregux. Illi hareg car mill-provi illi meta sar u l-konvenji in kwistjoni l-imputat kien f'posizzjoni illi jibni u jitrasferixxi illi l-propjetajiet in kwistjoni lill-parte civile, tant illi huwa mhux biss kien akkwista l-propjeta' imma sahansitra waqqa id-dar li kien hemm ezistenti fuq is-sit u esegwixxa x-xoghol ta' thaffir, xogholijiet li effettivament jqumu l-flus u certament ma kienux isiru kieku l-imputat kien f'qaghda finanzjarja imwergha mal-iffirmar tal-konvenji. Illi x-xoghol in kwistjoni waqaf biss minhabba disgiwd ma terz, liema terz irregistra numru ta' privileggi abbuzivi u illegali fuq il-verji progetti tal-esponenti,

bil-legalita' ta' tali privileggi huma l-mertu ta' kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u b'dan tali privileggi kellhom bhala domino effect fuq il-progetti kollha tal-imputat inkluza dik odjerna, b'konsegwenza illi l-esponenti spicca f'diffikultajiet legali.

Illi ghalhekk l-element tad-dolo fil-vertenza odjerna ma jezistix u b'dan l-esonenti qatt ma ircieva d-depozitu in kwistjoni sabiex iqarraq jew jaghmel profitt illegali ghalih, imma rcieva l-imsemmi depozitu bil-konsapevolezza illi huwa kien ser jitrassferixxi l-fond in kwistjoni fuq att ta' bejgh finali. Illi minkejja li l-att ta' bejgh finali ma setgahx jigi ppublikat l-ebda mod ma jifisser li l-esponenti kien hati ta' misappropriazzjoni, stante illi ma kienx hemm l-element doluz, ossia meta ircieva l-imsemmija flus, l-esponenti ma riedx illi bl-ebda mod jiffroda u/jew jqarraq bil-parte civile, imma effettivament ma sarx l-att ta' bejgh finali minhabba ragunijiet li huwa ma kellux kontroll fuqhom.

Illi allahares jittiehdu proceduri kriminali kontra kull min, ghal xi raguni jew ohra ma jidhirx fuq att ta' bejgh finali in segwitu ghall-konvenju, specjalment meta tali konvenju ikun gie registrat mal-awtoritajiet kompetenti u jkun validu skond il-ligi, minkejja illi l-ligi civili, ai termini tal-Artikolu 1357 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprovdi ghall-sitwazzjonijijet bhal dik odjerna.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-appell trid tqajjem kwistjoni ta' nullità tal-istess rikors tal-appell peress illi dan mhuwiex konformi mar-rekwiziti tal-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jghid fost affarijiet ohra illi r-rikors taht piena ta' nullità ghandu jkun fih il-fatti fil-qosor. Dawn il-fatti mkien ma jirrizultaw fir-rikors ipprezentat mill-appellant u din il-Qorti kellha toqghod tfittex fid-diversi dokumenti u pagni tal-atti biex tara dawn il-fatti x'kienu. Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward hija kopjuza peress illi fil-passat dan l-artikolu kien "very strictly and rigidly interpreted." Fortunatament ghall-appellant din il-Qorti ma komplietx issegwi dan it-taghlim u biex l-appellant ma jkunx priv mid-dritt ta' doppju ezami minhabba zball tal-avukat tieghu din il-Qorti injorat jew ghazlet li twarrab id-diversi nuqqasijiet illi l-avukati jaghmlu fir-rikorsi tal-appell taghhom basta jigi sanat il-principju l-aktar validu, dak tad-doppju ezami, u l-appellant ikollu d-dritt illi l-kaz tieghu jinstema' mill-Qorti tal-Appell. Però din il-Qorti taghmel appell lill-avukat li ipprepara dan ir-rikors sabiex ghal quddiem jara sew kif jaghmel rikorsi tal-appell u jara li l-provvedimenti tal-artikolu 419(1) jigu osservati fl-intier taghhom.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu irrizulta illi permezz ta' zewg konvenji tas-sittax (16) ta' Settembru tal-elfejn u ghaxra (2010) u tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 18 u 21), l-appellant Carmelo Mangion dahal konvenji mal-familja Farrugia sabiex huwa jwaqqa', jiskava u jibni fondi fuq proprjetà li giet indikata lilu. Ircieva b'kollox tmenin elf ewro (€80,000) illi minnhom ghandu jaghti lura sebghin elf (€70,000) peress illi ghaxart elef (€10,000) minnhom kienu nzammew min-nutar u dawn inghataw lura lill-familja Farrugia.

Permezz ta' sentenza tad-dsatax (19) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 103) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin flimkien ma' ordni ta' rifuzjoni ta' sebghin elf ewro (€70,000) fi zmien sitt (6) xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-provi illi kellha quddiemha.

Ikkunsidrat:

L-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq il-fatt illi din kienet kwistjoni civili bejn l-appellant u l-familja Farrugia illi kellha tigi determinata f'dak il-foro u mhux quddiem il-Qorti kriminali. Ma kienx hemm misapproprijazzjoni ta flus illi l-appellant ircieva minghand il-familja Farrugia u uza hafna minnhom biex iwaqqa' l-fond u jiskava l-art biex tkun lesta ghall-bini. Ikkritika s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati peress illi qalet illi huwa ircieva l-flus minghand il-familja Farrugia ghal skop partikolari illi jitla' l-bini. L-appellant fil-fatt hekk ghamel – waqqa' l-bini u skava. Dawn swew hafna flus illi thallas minn dawk il-flus illi ircieva minghand il-familja Farrugia. Meta sar il-konvenju l-appellant kien f'qaghda finanzjarja tajba hafna. Izda meta wasal biex jeskava ma kienx u waqa' lura fil-pagamenti kif ukoll fix-xoghol li kien qieghed jaghmel. Dan kien jesponi lill-appellant ghal proceduri civili minghand il-familja Farrugia izda zgur mhux ghall-proceduri kriminali kif ippretendiet il-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi skont l-istqarrija tal-istess appellant tal-hamsa (5) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) (fol 28) l-appellant jammetti illi l-blokka illi kellu jtella' kien se jkun fiha sitt (6) sulari b'erba' garaxijiet, hames (5) appartamenti u penthouse. Beda x-xoghol tat-twaqqigh tad-dar u thaffir. Imma x-xoghol kellu jwaqqfu l-ewwel ghal xi sitt xhur minhabba problemi li kellu mal-girien fuq l-appoggi u wara minhabba problemi finanzjarji. Ipprova jsib xi terz sabiex jiehu over il-progett imma ma irnexxilux bhalma lanqas irnexxielu jipprova jbiegh il-progett lill-istess familja Farrugia. Jikkonferma illi din il-familja tatu b'kollox madwar tmenin elf ewro

(€80,000) illi minnhom nefaq tnax-il elf lira biex waqqa' d-dar u erbatax-il elf lira ghall-iskavar u flus ohra ta' permess. Mistoqsi x'ghamel bil-bilanc, l-appellant irrisponda "bil-flus l-ohra hallast parti mil-loan illi kelli fuq l-istess proprjetà." B'din id-dikjarazzjoni l-appellant qieghed fic-censura tal-ligi peress illi ma kienx awtorizzat ihallas loans mill-flus illi huwa ircieva mill-familja Farrugia.

Ikkunsidrat:

Skont l-istess appellant fl-istqarrija tieghu spjega illi huwa wasal fil-ftehim mal-familja Farrugia ghal twaqqigh ta' fond, skavar u bini ta' appartamenti. Ta' dan ircieva l-ammont ta' tmenin elf ewro (€80,000). Beda l-progett, waqqa' d-dar, skava s-sit, però dahal f'problemi finanzjarji kbar u ma setax ikompli bil-progett peress illi l-bilanc tal-flus illi kellu ma uzahomx biex ikompli bil-progett izda biex ihallas parti mil-loan illi kellu fuq l-istess proprjetà. Dan il-hlas ma kienx a saputa tal-familja Farrugia u ergo wisq anqas awtorizzat. Kien hlas maghmul unilateralment mill-appellant fuq decizjoni tieghu nnifsu fejn ipprefera jissodisfa kreditur flok iehor. L-ewwel Qorti hadet dan fil-konsiderazzjoni tad-deliberazzjoni taghha u ghamlet enuncazzjoni korretta tal-punti legali involuti f'dan il-kaz. Ikkwotat b'success is-sentenzi in materja kif ukoll l-awturi Majno u l-Antolisei. Fuq dawn jidher illi l-appellant m'ghandux rizerva peress illi fir-rikors tal-appell tieghu ma jsemmi xejn mill-aspetti legali illi ikkwotat l-ewwel Qorti fir-ragunamenti taghha izda ibbaza l-argumenti tieghu kollha fuq il-fatt li din kienet kwistjoni civili bejn l-appellant u l-familja Farrugia. Din il-Qorti però ma taqbilx illi dan huwa l-kaz.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid specifikatament illi l-flus illi ircieva minghand il-familja Farrugia jsir uzu minnhom ghal skop specifiku, cioé illi jwaqqa' d-dar, jiskava u jibni l-appartamenti. L-appellant abbuza mill-fiducja tal-familja Farrugia ghax minn dan ghamel biss parti u zgur illi l-appartamenti ma telghux. Minflok hallas xi kontijiet illi kellu pendenti mal-bank flok wettaq dak illi gie specifikat minnu. Fl-istess stqarrija l-appellant qal illi ghandu bzonn ftit taz-zmien, irid jiftiehem mal-familja Farrugia fuq proprjetà alternattiva jew meta jkollu fondi bizzejjed ihallashom lura u haseb illi fi zmien sentejn se jkun f'pozizzjoni finanzjarja ahjar. Jidher illi dan ma kienx il-kaz. L-istqarrija saret fil-hamsa (5) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) u llum, f'Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellant xorta ghadu moruz fil-hlas lura ta' dak li huwa dovut mill-familja Farrugia.

Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x′jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt erogat. Din il-Qorti ssib illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u hawn ukoll id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti m′ghandhiex tkun disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------